MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 261/2001/1

**Mark McLEAN, u b'Nota tal-15 ta' Frar, 2002, Carmen Galea assumiet l-atti għan-nom tiegħu u minfloku**

**vs**

**Dr. Renzo PORSELLA FLORES u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'Degriet tal-5 ta' Marzu, 2001, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Mary Orpen u Anthony Baldacchino**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Frar, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa legatarju tal-mejta Theresa Baldacchino li mietet fid-9 ta' Jannar 1992;

Illi l-wirt tagħha iddevolva fuq erba' uliedha u ċioe' iż-żewg konvenuti u Carmen Galea u Rose Mclean u dan skond żewgt testmenti tas-27 ta' Jannar 1986 u l-5 ta' Settembru

1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A, B, C u D;

Illi Carmen Galea u Rose Mclean immittew fil-pussess bħala ko-eredi tal-mejta Theresa Baldacchino lill-attur u dan b'kuntratt tan-Nutar Christine Abela tal-14 ta' Frar 2001 li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. E;

Illi l-konvenuti Mary Orpen u Anthony Baldacchino għadhom ma immittewx fil-pussess tal-legat lilu mħolli mill-mejta Theresa Baldacchino u ċioe' tal- fond 43, Pretty Bay, B'Bugia nofs indiviz tal-għalqa magħrufa il-Lenbut, tal-kejl ta' ċirka 2540 metri kwadri, f'Tal-Gebel Road, Hal-Far kif ukoll ta' ħames mitt azzjoni fis-soċjeta' First Gemini Plc;

Illi n-nuqqas ta' immissjoni fil-pussess tal-oġġetti u tal-proprjeta' fuq imsemmija mill-konvenuti, jista' jilledi d-drittijiet proprjetarji u suċċessorji tal-attur fil-legat lilu mħolli minn Theresa Baldacchino;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tordna li l-konvenuti jimmettu fil-pussess tal-legati mħollija minn Theresa Baldacchino lill-attur bit-testmenti tagħha tas-27 ta' Jannar 1986 u 5 ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar ossija tal-fond 43, Pretty Bay, B'Bugia, nofs indiviz tal-għalqa il-Lenbut ta' ċirka 2540 metri kwadru f'Tal-Gebel Road, Hal-Far kif ukoll tal-ħames mitt azzjoni fis-soċjeta' First Gemini Plc;

2. Tinnomina Nutar Pubbliku biex f'jum, ħin u lok stabbilit minn din il-Qorti, jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija minn Theresa Baldacchino lill-attur, bit-testmenti tagħha tas-27 ta' Jannar 1986 u tal-5 ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar;

3. Tinnomina Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaċja fuq l-att pubbliku relattiv;

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Frar 2001 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Mejju, 2001, li biha l-imħarrkin Kuraturi Deputati eċċepew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawża u jirriservaw id-dritt li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom aktar 'il quddiem;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Kuraturi Deputati;

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2001, li bih tat lill-attur il-fakulta' li jressaq ix-xhieda tiegħu bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-Degriet l-ieħor tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2001, li bih u fuq talba tal-Kuraturi Deputati b'rikors tagħhom tal-21 ta' Mejju, 2001, ordnat it-tqegħid mill-attur ta' somma taħt l-awtorita' tal-Qorti, bħala depożitu għall-ispejjeż tal-istess Kuraturi Deputati;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-3 ta' Lulju, 2001[1], mehmużin ma' liema kien hemm l-affidavit tal-attur u ta' Rose McLean, ommu;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fil-11 t'Ottubru, 2001[2], b'dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda;

[1] Pa[[. 41-3 tal-pro`ess (dawn huma l-istess dokumenti mressqin mal-attur mal-Att ta`-~itazzjoni tieg]u f'pa[[. 5 u 6 tal-pro`ess)
[2] Pa[[. 48 sa 56 tal-pro`ess

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Ġunju, 2002, li bih u fuq talba magħmula mill-partijiet, ġabet is-smigħ tal-kawża 'l quddiem għall-4 ta' Lulju, 2002;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' Lulju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża sabiex l-attur jitqiegħed fil-pussess ta' legat imħolli lilu f'testment. L-attur tħalla legat ta' żewġ (2) postijiet li kellha nanntu. Filwaqt li tnejn mill-werrieta maħtura fl-imsemmi testment kienu resqu għall-kuntratt li bih immittew lill-attur bis-sehem tagħhom tal-imsemmi legat, tnejn oħrajn - l-imħarrkin *proprio* - naqsu li jagħmlu dan;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżultaw dawn il-fatti. Tereża Baldacchino mietet fid-disgħa (9) ta' Jannar, tal-1992. Hija kienet miżżewġa darbtejn: l-ewwel raġel tagħha, Alfred Farruġia, jidher li miet fl-1938, barra minn Malta; it-tieni raġel tagħha, Nażżareno Baldacchino, miet f'Novembru tal-1972. Hija kellha erbat (4) itfal minn dawn iż-żewġ irġiel: l-imħarrka Mary Orpen kienet wild tal-ewwel żwieġ, it-tliet ulied l-oħrajn mit-tieni żwieġ kienu Carmen Galea, Anthony Debattista (l-imħarrek l-ieħor) u Rose McLean. L-attur jiġi bin bint it-testatriċi Rose McLean, li magħha kienet tgħix it-testatriċi fiż-żmien li mietet. Tereża Baldacchino mietet testata, u l-wirt tagħha hu regolat b'żewġ (2) testmenti, wieħed magħmul fis-27 ta' Jannar, 1986[3], u l-ieħor tal-5 ta' Settembru, 1988[4], it-tnejn ippubblikati min-Nutar Dottor Herbert Cassar. Il-wirt ta' Tereża Debattista ġie denunzjat fis-6 ta' Lulju, 1992[5]. Fl-14 ta' Frar, 2001, Rose McLean u Carmen Galea resqu

---

[3] Dok "A", f'pa[[. 7 sa 10 tal-pro`ess
[4] Dok "B", f'pa[[. 11-2 tal-pro`ess
[5] Dok "ED1", f'pa[[. 49 sa 55 tal-pro`ess

fuq att nutarili[6], li bih poġġew fil-pussess tal-legati mħollija bl-imsemmija testmenti lill-attur Mark McLean, u dan safejn jirrigwarda lilhom. Fl-istess att, l-imsemmija Rose u Carmen immittew lil xulxin fil-pussess ta' legati oħrajn imħollija rispettivament lilhom fl-imsemmija testmenti. Iż-żewġt aħwa l-oħrajn ma resqux fuq att nutarili ta' immissjoni fil-pussess;

Illi, waqt li kienu qegħdin isiru s-sottomissjonijiet tal-aħħar tal-kawża, l-abbli Kuratur Deputat qanqal il-kwestjoni dwar jekk it-testatriċi kenitx għamlet xi dispożizzjoni testamentarja matul l-ewwel żwieġ tagħha, u għalhekk jekk il-wirt tagħha jistax ikun regolat b'xi testment ieħor. Il-Qorti tosserva li, filwaqt li tifhem u tħares b'favur lejn il-premura wżata mill-Kuratur Deputat, li tixhed ukoll l-għaqal li bih wettaq l-inkarigu tiegħu f'din il-kawża, ma jidhirx li hemm lok għal dan id-dubju. Fl-ewwel lok, dan jingħad fid-dawl tal-fatt li, b'rieda tal-istess testatriċi, it-testment li hija għamlet fl-1986 (jiġifieri wara li kienet diġa' romlot it-tieni darba) kien wieħed li ħassar kull dispożizzjoni testamentarja li setgħat għamlet qabel dak inhar. Fit-tieni lok, billi ġie dikjarat li l-ewwel żwieġ dam biss madwar sena qabel Alfred Farruġia ġie nieqes, u billi dan miet barra minn Malta, m'hijiex ħaġa probabbli li bejnu u martu Tereża kien hemm xi ġid li seta' ġie regolat b'xi testment. Fit-tielet lok, l-imħarrkin Mary Orpen u Alfred Baldacchino ma jidhirx li qanqlu kwestjoni dwar jekk l-imsemmija żewġ testmenti kenux l-atti li bih kellu jiġi regolat il-wirt t'ommhom. L-oġġezzjoni li jidher li ressqu[7] dawn il-werrieta kienet għaliex, minn ħdax-il neputi, it-testatriċi ħalliet b'legatarju lil l-attur, bla ma qalet għaliex għamlet dan;

Illi, jekk min-naħa l-oħra, il-biżgħa tal-Kuratur Deputat hi li t-testatriċi setgħet iddisponiet b'legat minn xi ħaġa ta' ħaddieħor, bla ma iddikjarat dan fit-testmenti tagħha, tali dubju, jekk xejn, irid jitqanqal f'azzjoni appożita li twaqqa' t-testment, jekk dan huwa l-każ. Imma, minn dak li joħroġ mill-provi, ma jidhirx lanqas li dan huwa l-każ. L-assi kollha li tħallew b'legat lill-attur jidher li kienu jappartienu

---

[6] Dok "E", f'pa[[. 15-8 tal-pro`ess
[7] Ara Dok "ED2" (jew "CG1") f'pa[. 56 tal-pro`ess

lit-testatriċi bħala ġid partikolari tagħha[8], u fejn xi ġid imħolli f'legat ma kienx kollu tagħha (qegħda ssir hawnhekk riferenza għall-għalqa f'"Tal-Lenbut", fi Triq tal-Ġebel, Ħal Far), ma ħallietx b'legat aktar minn kemm kien sehemha. Fuq kollox, jekk wieħed iqabbel il-ġid imħolli b'legat lill-attur mal-ġid kollu li t-testatriċi setgħet tiddisponi minnu fit-testment[9], wieħed għandu jara s-sehem imħolli lill-attur ma kienx iġib fix-xejn is-sehem minimu merfugħ lill-werrieta skond il-liġi. Għall-kuntrarju, jekk wieħed kellu jimxi bil-kejl li bih ġew stmati l-assi tal-wirt fil-proċess tad-denunzja, isib lil-akbar żewġ ishma messew liż-żewġ imħarrkin Mary Orpen u Anthony Baldacchino;

Illi mbagħad mill-aspett ta' dritt, joħroġ ukoll li l-attur għandu l-jedd[10] li jressaq kontra l-werrieta l-pretensjonijiet li ressaq f'din il-kawża. Mhux hekk biss,imma l-liġi[11] tisħaq li hemm obbligu fil-legatarju maħtur li jitlob li jitqiegħed fil-pussess tal-ħwejjeġ imħollijin lilu b'legat. Kif ifissru l-awturi[12], il-ħtieġa li l-legatarju jitlob li jitqiegħed il-pussess tal-legat toħroġ mill-prinċipju ewlieni li l-pussess ta' dak kollu li jagħmel minn wirt jgħaddi għand il-werriet/a[13]. Billi t-talba tal-legatarju jew tal-aventi kawża minnu hija waħda personali, l-azzjoni li għandha ssir biex il-legatarju jitqiegħed fil-pussess ta' ħwejjeġ imħollijin lilu b'legat trid issir fi żmien għaxar (10) snin minn mindu jinfetaħ il-wirt. Fil-każ preżenti, għalhekk, l-azzjoni tal-attur mhux biss kienet imsejsa fuq jedd mogħti lilu bis-saħħa tal-liġi, talli tressqet f'waqtha wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin ipoġġu lill-attur fil-pussess tal-legati mħollijin lilu bit-testmenti ta' Tereża armla Baldacchino tas-27 ta' Jannar, 1986, u tal-5 ta' Settembru, 1988, u jiġifieri tal-post numru tlieta u erbgħin (43), il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġia, tan-nofs (1/2)

---

8 Ara pa[. 51 tal-pro`ess
9 Ara pa[. 52 tal-pro`ess
10 Art. 721(1) tal-Kap 16, li japplika sa minn dak inhar tal-ftu] tal-wirt
11 Art. 726 tal-Kap 16
12 Ara Caruana Galizia <u>Notes on Civil Law - Succession</u>, f'pa[[. 1046-8
13 Art. 838 tal-Kap 16

mhux maqsum tal-għalqa magħrufa bħala “Tal-Lenbut” fi Triq tal-Ġebel, Ħal Far, u tal-ħames mitt (500) sehem fil-kumpannija First Gemini p.l.c.;

**Tilqa’ t-tieni talba** u taħtar lin-Nutar Dottor Christine Abela biex tippubblika l-att nutarili meħtieġ tat-tqegħid fil-pussess tal-imsemmija legati, nhar il-Ġimgħa, 27 ta’ Diċembru, 2002, fis-siegħa ta’ wara nofsinhar, fil-fond numru disgħa u tmenin (89), Triq San Ġwann, Valletta;

**Tilqa’ t-tielet talba**, fis-sens li hija tikkonferma l-ħatra mogħtija lill-Kuraturi Deputati biex jidhru f’isem l-imħarrkin *proprio* fuq l-att nutarili msemmi, imma taħtar lill-Avukat Dottor Michael Żammit Maempel bħala kuratur fl-eventwalita’ li l-Kuraturi Deputati jibqgħu kontumaċi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Kuraturi Deputati; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża u tal-att nutarili tat-tqegħid fil-pussess.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**5 ta’ Diċembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**5 ta’ Diċembru, 2002**